# Rapport

# Dr Samuel Azzopardi LL.D.

# Sindku Belt Victoria

# 6 ta' Frar 2012

**Rapport Laqgħa Ġenerali Annwali 6 ta' Frar 2012**

## Introduzzjoni

Nibda billi nirringrazzja lilkom b'mod personali talli attendejtu u anke tal-konsistenza ta' uħud minnkom illi dejjem preżenti għal-laqgħat ġenerali annwali ta' dina l-lokalita.

Nibda billi nagħati titwila lill-attivitajiet li saru mill-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria jew fejn kien hemm l'involviment dirett tal-istess Kunsill.

## Attivitajiet fil-Komunita:

Dan il-kunsill impenja ruhu bis-sħiħ sa mill-bidu sabiex isaħħaħ attivitajiet kulturali eżistenti u jagħmel oħrajn ġodda:

1. Fi Frar li għadda l-ewwel attivita li kellna kienet marbuta mal-karnival u l-Kunsill ħa sehem billi organizza bl-għajnuna tal-Victoria Youth Council s-sibt tal-karnival flimkien mal-*pillow fight*;

2. Kunċert marbut mal-Għid b' risq il-MCCF mtella mal-*Kor Gaulitanus* li sar f'Mejju;

3. Jum il-Belt Victoria marbuta mad-data storika tal-għaxra (10) ta' Ġunju li għadda fejn ingħataw żewġ kunċerti ta' livell mas-soċjetajiet mużikali tagħna – '*Leone goes pop*' li sar nhar is-Sette Giugno u '*La Stella band in concert*' li sar nhar l-għaxra (10) ta' Ġunju;

4. *Marsovin Wine Festival* li sar f'Awwissu li għadda fuq il-Bastjun ta' San Gwann fiċ-Ċittadella fejn apparti l-inbid kien hemm spettaklu ta' dawl u muzika mill-grupp ċelebri Tribali fost l-oħrajn. Dakinhar kellna 'il fuq minn elf (1000) ruh kuljum għal jumejn u l-attivita' kellha dħul b'xejn;

5. *'Christmas Village'* li sar f'Novembru fi Pjazza San Gorg fuq tlett (3) ijiem li ta' bidu għal programm festiv marbut mal-Milied. Din is-sena reġa kien suċċess kbir u li żaruh mijiet ta' nies, minn hawn nirringrazzja lill-parteċipanti tagħna;

6. *'Christmas Carols for Charity'* f' Diċembru ukoll, fejn iż-żgħażagħ tal-Victoria Youth Council animaw ċ-ċentru storiku ta' Beltna ikantaw *carols* u ferħu lil ħafna anzjani li joqgħodu f'dawn it-toroq u fejn għamlu ġabra għal karita;

7. *'Sounds of Christmas'*, kunċert imtella mal-*Chorus Urbanus* li din is-sena kien previst għal taħt it-tinda u li minħabba t-temp sar ġewwa l-Oratorju Don Bosco;

8. *'New Year's Eve in the City'* li kienet suċċess u li anke tbiddel xi ftit il-format tal-attivita. Il-grupp ċelebri *Winter Moods* ta *performance* mill-aqwa bħal parteċipanti l-oħra ukoll;

9. Tkompliet għal parti mis-sena li kull nhar ta' Gimgha bi shab anke mall-hwienet ta' Pjazza Indipendenza ittellghu serati b'*band* ta' zghazagh lokali.

Ta' min nirrimarka li dawn l-attivitajiet li jqumu eluf kbar ta' euros kienu possibli biss minħabba pjanar serju, *sponsors* adegwati u *management* ta' fondi aħjar. Ma dawn l-attivitajiet nsemmi t-tisħiħ tal-opri li jittgħellu mas-soċjetajiet mużikali tagħna u l-*Victoria International Arts Festival* illi din is-sena (2012) akkwistajna għajnuna ta' sebat elef euro (€7000) mill-gvern ċentrali sabiex inkunu nistgħu norganizzawh.

## Finanzi

Minn dejjem emmint li minkejja d-*deficit* li sibt ma wiċċi bhala Sindku u kunsill li tassew kien wiehed inkewetanti ma stjatx naqtgħu qalbna u noqgħodu b'idejna fuq żaqna neqirdu u nokorbu u bħala kunsill u ma nagħmlu xejn. Pero b'moħħ ċar dwar kif ser insewwu dina l-pjaga kont tlabt

lill-Kunsill sabiex jigi fformat *Accounts and Best Practices Committee* ħalli jitħejja pjan finanzjarju sabiex il-finanzi tal-kunsill tabilħaq ikun fis-sod.

Bi pjacir inħabbrilkom li r-riżultati qed jinkisbu. Kont prevedejt fl-ewwel rapport tiegħi li minkejja kollox kont ninsab fiduċjuż li fi żmien sentejn inkunu ikkontrollajna permanentament il-pjaga finanzjarja għal-livelli sostenibbli. Dan bi pjaċir ngħid li għamilnih u b'sagrifiċċju kbir. Id-*deficit* fuq il-kotba għadu u għas sena 2010 għax tas-sena bażi 2011 għad iridu jitressqu Kunsill kien hemm deficit ta' mija u ħamsa u tmenin elf, seba' mija u sbatax euro(€185,717) riżultanti minn ħamsa u tmenin elf, tmin mija u ħamsa u sittin euro (€85,865) *provision for bad debts* u mija u seba u ħamsin elf erba' mija u tnejn u għoxrin (€157,422) *depreciation* minn tletin elf (€30,000) tas-snin ta' qabel. Dan ġara minħabb ċertu *memos* tad-Dipartiment Gvern Lokali u l-*workings* u regoli ġodda li ddaħħlu. L-importanti huwa illi bejn dħul u ħruġ ma hemmx iktar diskrepanza. Ifakkar li apparti deficit inkwetanti dan il-kunsill sab ma wċċu dejn ta' seba' mija erbgħa u tletin elf (€734,000). Minn estimi li għandna s'issa jidher li ser irnexxilna nikkontjenu d-deficit għal madwar erbgħin elf euro (€40,000)

Żgur li ġialadarba ttaffiet dina l-pjaga il-Kunsill jista' jimbarka fuq proġetti oħra siewja.

## Żgħażagħ

Nmur lura għal aspett għal qalbi ferm tal-politika li fuqha qed nahdmu. Dejjem ħassejt il-ħtiega anke meta kont kunsillier u saħansitra qabel illi ż-żgħażagħ għandu ikollhom fejn jimirħu fit-tmexxija tal-gvernijiet lokali. Dejjem emmint u għadni hekk illi ż-żgħażagħ huma pedina importanti fis-socjeta` u li tabilħaqq huma l-preżent u mhux biss il-futur. Nemmen li ż-żgħażagħ jekk ittihom l-opportunita` li jimirħu jagħtuk iktar minn dak li titlob. Illum għandna uffiċjalment il-*Victoria Youth Council* statutorjament u protett mill-Liġi tal-Kunsill Lokali għax mogħti saħħa ta' sotto-kumitat.

Infakkar li wara ħafna *lobbying* bħala kunsill daħħalna lil Belt Victoria u lil Ghawdex, bħala Belt ta' Ghawdex, fin-*network* prestiġjuża Ewropea *European Regions for Youth (ERY) Network*, *network* Ewropea li fiha fi ħdanha reġjuni importanti bħal Wales mir-Renju Unit, Valencia minn Spanja, Aquitaine u Pays de la Loire minn Franza, Emilia Romagna mill-Italja, Wiekopolska u Lower Silesia mill-Polonja u Vastra-Gotaland minn Sweden. Dan ifisser li apparti opportunitajiet ta' *exchanges* diretti aħna nkunu niffurmaw parti minn network ta' reġjuni influwenti u jkollna l-politika taż-żgħażagħ taghna *in line* ma dawk taghhom. S'issa ż-żgħazagħ tagħna kellhom opportunita li jipparteċipaw, f' Wales, diversi drabi f' Valencia, f' Bordeaux għall-Festival prestiġjuż ta' Lyceen fejn ġejna mistiedna ntellgħu ammont sabiħ ta' muzicistii sabiex jieħu sehem *f'European Symphonic Orchestra*, u f' Goteburg fi Sweden.

Dan minbarra l-ftehim ta' mobilta mal-Emilia Romagna fejn żgħażagħ tagħna jkun jistgħu jaghmlu *stage* ma xi professjonisti, *hoteliers*, ditti privat, u settur pubbliku hemmhekk. Dan kollu ma jiġix mix-xejn imma minn dedikazzjoni u impenn sħiħ lejn dan is-settur.

Dawn il-programmi estendejnihom ukoll għal Għawdex kollu ghax nemmnu li jistgħu jibbenefikaw minnhom ż-żgħażagħ Ghawdxin kollha. Fil-fatt dina is-sena sejra ssir l-LĠA tal-*ERY network* propju gewwa Għawdex.

Dan minbarra programmi ta' żgħażagħ li sejrin nidħlu għalihom fil-ġimgħat u xhur li ġejjin.

## Progetti Kapitali:

Li huma lesti:

1. Ir-restawr fuq erbgħa niċeċ fiċ-ċentru storiku ta' Beltna li huma dik ta' San Ġorġ tal-Ħagar fi Triq San Ġorġ; dik tal-Madonna ta' Loreto fi Pjazza San Ġorġ; dik ta' San Alwiġi fi Triq Karita u ta' Kristu Re fi Triq l-Arċipriet Saver Cassar;

2. *'Grand Tour of Taste*, Serata di Gola u Dopo Teatro con gli Chef'  Dan il-progett kien jinqasam fi tlett fażijiet:

   F' Mejju 2011 - *Grand Tour of Taste* fejn l-aqwa Chefs ta' l-Emilia-Romagna ġew Għawdex jqattgħu tlett (3) ijiem ġewwa Għawdex iduru f'karozzi Porsche u jiskopru l-*cuisine* u l-gżira taghna. Huma kienu akkumpanjati minn ġurnalisti ta' fama li jirrappurtaw lil *press houses* prestigjuzi ta' l-Italja ta' l-Italja. Kollha kienu rekbin f'Porsche, sieħeb ewlieni tal-proġett.

   F'Gunju 2011 - ittellghet is-Serata di Gola gewwa t-teatru Arena del Sole, avveniment li ġibed lejh l-ogħla awtoritajiet ta' l-Emilia-Romagna kif ukoll gurnalisti u importaturi ewlenin, flimkien ma' dirigenti tar-Rai u l-aqwa artisti tat-teatru.  Kienet ukoll l-attivita li tvara l-programm tat-teatru Arena del Sole ghas-sajf.

   Saret ukoll *presentation press conference* gewwa Bologna lejliet s-Serata di Gola li għaliha attendiet l-media ewlenija Taljana.

   Wara matul ix-xhur tas-Sajf saru d-Dopo Teatro con gli Chefs fejn ix-Chefs jaghmlu l-ikel minn prodotti ta' fejn ikunu marru flimkien u jabbinawh ukoll mal-kċina Taljana.

   Attivita bhal din kellha potenzjal kbir ghal-Ghawdex fosthom:

   i. Reporting estensiv fuq gazzetti ewlenin Taljani;

   ii. Reportage fl-istazzjonijiet televiżivi fl-Italja u Malta;

iii. Turiżmu ta' alta kwalita bi *branding* ta' Porsche u Miele;

iv. Ħidma mal-ITS Għawdex u esperjenzi mill-aqwa minn chefs ta' kwalita;

v. Rappurtaġġ fil-magazines tal-Porsche madwar l-Ewropa;

vi. Possibilta ta' kuntatti ta' negozju għal negozjanti Għawdxin ma oħrajn ġewwa Bologna;

3. Tlesta proġett ta'abbelliment f' Taċ-Ċawla Housing Estate bi spiża ta' ħamsa u sebgħin elf euro (€75,000);

4. Inbeda u issa tlesta programm ta' żbir tas-sigar *ficus nitida* li jinsabu fil-Belt tagħna u li tlesta propju nhar il-Ġimgħa li għaddiet;

5. Saret *website* ġdida għal Kunsill www.victoria.org.mt biex b'hekk tiżdied il-komunikazzjoni mal-komunita.

Li qed isiru jew dalwaqt jibdew:

6. *Coffee table book* fuq il-Belt Victoria fl-okkazjoni tal-mija u ħamsa u għoxrin (125) sena minn meta ċ-Ċittadella u r-Rabat ġew imsemmija Victoria u ngħatajna l-istatus ta' Belt. Dan mistenni jkun lest sa' l-aħħar ta' Mejju tas-sena korrenti u huwa *a first* għal Kunsill lokali f'Malta u Għawdex. L-editur huwa Fr Charles Cini, il-kittieb Dr Joseph Bezzina u l-fotografu Daniel Cilia;

7. Uffiċju *Customer Care*, l-aspirazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Beltna li jkollu uffiċju isfel fl-aħħar immaterjalizzat u propju illum saret l-ewwel laqgħa bejn il-Perit inkarigat, *designer* u l-kuntrattur magħżul sabiex jibda dan ix-xogħol il-ġimgħa d-dieħla, l-istess ir-rinnovament tal-uffiċji tal-Kunsill u l-ispazji storiċi li hawn;

8. Fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar elfejn u tnax (2012) hija mistennija l-approvazzjoni tant mistennija tar-riabilitazzjoni kompleta tal-*playing field* centrali ta' Beltna. Kien playing field li ilu snin abbandunat u li spiċċa fi stat tal-mistħija. Dan hu proġett li sejjer jinqasam f'iktar minn fażi wahda u bl-ewwel waħda tkun koperta b'fondi ta' Eko-Għawdex u li tqum mas-sebgħin elf euro (€70,000) u l-bqija madwar erbat mitt elf (€400,000) minn fondi tal-Unjoni Ewropea;

9. Tlesta t-*tendering* kollu tal-*public private partnership* fit-toroq li kienu intgħażlu li huma Triq Ġanni Vassallo, Triq Wied is-Seqer u Triq Sagħtar tlesta kollu u dawn it-toroq kellhom isiru sa Awwissu li għadda pero għal raġunijet imputabbli biss lil kuntrattur dawn għadhom ma sarux;

10. Pjazza San Ġorġ, ħareġ it-*tendering* fuq il-funtana tal-bronż u ġiet estiża għax ħadd ma ttenderjaha għaliha;

11. Qeghdin nirrevedu ukoll s-sistema preżenti tal-iskart organiku u dak separat;

12. Qed nahdmu ukoll mhux biss biex nirrafforzaw il-kuntatti tagħna ma Nichelino li jinkludi ukoll *economic twinning* bejn azjendi tagħna u tagħhom, izda ukoll rapport ekonomiku mar-reġjun tal-Emilia Romagna, kif ukoll ġemellagg mal-belt pittoreska ta' Comacchio f'istess regjun li semmejt li dan l-aħħar kellu problemi ta' governanza u ġie xolt;

13. Beda ukoll l-inkartament marbut mat-tendering għal proġett tal-*wi-fi* mal-Belt Victoria fejn il-pubbliku jkun jista' jissurfja fuq l-internet gratwitament.

14. Proġett ieħor ta' ħamsa u sebgħin (€75,000) f'Tac-Cawla *Housing Estate* fejn issa ser nagħmlu titjib fil-komun ta' dawk il-blokki (7) li jkunu daħlu fl-iskema.

Proġetti għal futur:

15. Progett li ħdimt fuqu qatigħ huwa dak li jinvolvi budget ta' miljun tmien mitt elf euro (€1,800,000). Proġett ambizzjuż li huwa dak tal-abbelliment taċ-ċentru storiku ta' beltna t-Tokk u t-toroq tal-madwar specjalment li jinkixfu l-iskavi li hemmj taht il-pjazza li jirrisalu saż-żminijiet tal-Bronż u li jinkludu skavi Rumani, u Biżantini kif dokumentati mil-arkeologu Trump. Dan huwa proġett ta' ċertu portata u li jinkludi l-foss taċ-Ċittadella, t-Telgħa tal-Belt, Pjazza Indipendenza, Pjazza Savina, parti minn Triq Santa Marija, Triq is-Suq, Triq San Gużepp, Triq Mikelanġ Refalo, u Triq l-Arċipriet Saver Cassar. Kien jinkludi *visitors centre*, skavar ta' arkeologija fi Pjazza Indipendenza, *family park* fil-foss tac-Cittadella, *heritage trails*, documentarji fuq *Rai Satellite* u *Discovery Channel*, *water* u service culverts, bdil tas-sistema tad-dawl, *information panels*, *website* interattiva u tant xoghol iehor;

16. Programm *Empower*, programm immirat għaż-żgħażagħ u li permezz tiegħu isiru korsijiet ta' formazzjoni għaż-żgħażagħ bi sħab mal-Aġenzija Nazzjonali taż-Żgħażagħ;

17. Restawr ta' niċeċ permezz tla-iskema maħruġa mill-gvern ċentrali u ser jintalbu l-fondi għar-restawr ta' seba' niċeċ oħra li huma ta' San Ġorġ li hemm fi Triq Enrico Mizzi; tal-Madonna li hemm Triq St. Ursola; tal-Kunċizzjoni li hemm fil-Pjazzetta ta' fuq it-Tomba; tad-

Duluri fi Triq Karita; dik ta’ Santa Marija fi Triq Santa Marija; u ta’ San Franġisk;

18. Ser jinbdew il-prattiċi sabiex isir ġemellaġġ mal-belt importanti u storika ta’ Namur li hija l-belt kapitali ta’ Wallonia li hija l-parti ‘franċiża’ tal-Belgju, reġjun li jgawdi status kostituzzjonali daqs il-Belġju innifsu.

Ma jistax ikun li nsemmi kollox u nixtieq li dejjem nagħmlu iżjed. Jiena dejjem għas-servizz tagħkom kif ukoll il-kunsilliera sħabi. Jiena normalment nkun il-Kunsill kuljum u nipprova dejjem inkun ta’ servizz għalikom, nistedinkom tiġu tkellmuna u tagħtu l-opinjoni tagħkom fuq kollox. Intom tgħallmu lilna. Niskuża ruħi fejn inqasnikom, dan ma għamilnih bl-ebda intenzjoni ħażina. Ilkoll għandna għal-qalbna l-interess suprem ta’ Beltna.

Nirrepeti dak li għidt fl-ewwel Jum il-Belt Victoria l-għaxra (10) ta’ Ġunju elfejn u għaxra (2010) li jiena indirizzajt:

“L-aħwa qegħdin hawn biex nisimgħu u nifhmu iżda l-elettorat tagħna ukoll il-mandat biex niddeċiedu u hekk għamilna, qed nagħmlu u nkomplu nagħmlu. Irrevedejna ukoll xi deċiżjonijiet meħuda fil-passat u dan għaliex nifhmu li maż-żmien jafu jinbidlu ukoll iċ-ċirkostanzi...”

Finalment nixtieq nirringrazzja lill-kollegi kunsillieri tal-għajnuna tagħhom, ukoll s-sehem attiv tal-Ministeru għal Ghawdex li sibnih bhala għajnuna mhux biss fl-attivitajiet li organizzajna imma ukoll fid-*day to day running* ta’ beltna. Nirringrazzja ukoll lis-Segretarjat ghall-Konsumatur, Kompetittivita, Konsultazzjoni Pubblika u Kunsilli Lokali tal-għajnuna permezz ta’ skemi li ingħatajna matul din is-sena. Nawgura lill-Ministru l-ġdid responsabbli mill-kunsilli lokali l-Onorevoli Carm Mifsud Bonniċi. Nirringrazzja lill-*isponsors* principali taghna u finalment l-ahhar pero sinċerament l-aktar importanti u għal qalbna ukoll lilkom il-poplu ta’ Beltna.